**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 27 ta` Gunju 2017**

**Kawza Nru. 3**
**Rikors Nru. 770/16 JZM**

**Wara s-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti Citazz. 299/2010 fl-ismijiet :**

**Ines Calleja (ID 496132M)**

***kontra***

**Awtorita` ghat-Trasport f` Malta**

***u***

**fl-ismijiet 499/2010 :**

**Ines Calleja (ID 496132M)**

***kontra***

**Awtorita` ghat-Trasport f` Malta**

**It-tnejn decizi fil-Prim Istanza fl-14 ta` Dicembru 2011 u t-tnejn ikkonfermati fl-appell fit-30 ta` Novembru 2012.**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikorsipprezentat fid-19 ta` Mejju 2016 li jaqra :–

*Illi fis-sentenzi fuq imsemmija l-Awtorita` intimata giet misjuba hatja li kkommettiet spoll fil-konfront tal-propjeta` tal-esponenti fiz-Zurrieq u giet ordnata sabiex fi zmien xahar mill-istess sentenzi li tirriprestina l-propjeta` tal-esponenti fi stat antecedenti kif kienet qabel.*

*Illi sal-lum-il gurnata ghad jonqsu li jsiru s-segwenti xogholijiet:*

*1. Il-hajt bejn l-ghalqa in kwistjoni z-Zurrieq u Triq iz-Zurrieq, dan ghadu ma nbeniex sal-gholi kif kien originali;*

*2. Ghar-rigward tal-hajt mal-genb tal-ghalqa li tigi ma` Triq Dun Guzepp Barbara, din ukoll ghad trid tinbena sal-gholi kif kienet qabel;*

*3. Trid issir katusa quddiem il-propjeta` (across the footpath infront of the property) biex l-ilma tax-xita li kien jaqa` fit-triq eventwalment jidhol fil-giebja tal-esponenti kif kienet qabel;*

*4. Jitnehha d-debris li ntrema fl-ghalqa in kwistjoni;*

*5. Li l-Awtorita` taghmel tajjeb ghall-hsara tal-gate li kien hemm qabel. Din il-hsara hija stmata li tiswa €531.*

*Illi nonostante diversi tentattivi da parti tal-esponenti sabiex is-sentenza tigi ezegwita, l-Awtorita` intimata baqghet inadempjenti.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug kontra l-Awtorita` intimata mandat in procintu u*

*dan senjatament billi taghti dawk l-ordnijiet li l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni biex b`hekk jigi attwat u ezegwit dak li gie ordnat mill-Qorti kif fuq imsemmi u dan jekk hemm bzonn billi apparti kull provvediment li l-Qorti jidhrilha opportun, timponi multa gornaljera kontra l-intimat u pagabbli lill-esponenti sakemm l-intimat idum inadempjenti sabiex b`hekk jigu ezegwiti s-sentenzi fuq imsemmija.*

Rat ir-risposta pprezentata fit-30 ta` Mejju 2016 li taqra :–

*Illi d-domanda ghall-hrug kontra l-Awtorita` mandat in procintu ghandu jigi michud u dan ghas-segwenti ragunijiet.*

*1. Is-sentenzi moghtija minn din l-Onorabbli Qorti, it-tnejn decizi fil-Prim Istanza fl-14 ta` Dicembru 2011 u t-tnejn ikkonfermati fl-appell fit-30 ta` Novembru 2012, jipprovdu hekk :*

*"Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-Awtorita` konvenuta u **tilqa` t-talbiet kollha tal-attrici** (sottolinear u enfasi tal-esponenti). Ghall-fini tat-tieni talba tipprefiggi terminu ta` xahar. Il-Qorti tinnomina lill-A.I.C. Mario Cassar sabiex jissorvelja x-xoghol."*

1. *"Tiddikjara li l-Awtorita` intimata kkommettiet spoll fuq propjeta` fil-pussess tar-rikorrenti; u konsegwentement"*

2. *"Tordna lill-Awtorita` intimata sabiex tirriprestina l-propjeta` tal-esponenti fl-istat li kienet anterjorment ghall-istess spoll kompriz ir-repristinazzjoni tal-boundary wall-tal-esponenti li jigi faccata ma` Valletta Road, Zurrieq tal-istess kwalita`, daqs u gholi li kien qabel, fi zmien qasir u perentorju li jigi hekk prefiss;"*

***"U fin-nuqqas"***

3. ***"Tawtorizza lill-esponenti taghmel dawk ix-xogholijiet bi spejjez tal-intimati taht dawk il-provvedimenti li din il-Qorti joghgobha timponi."*** *(sottolinear u enfasi tal-esponenti)*

*"Bl-ispejjez kontra l-Awtorita` intimata"*

*Għalhekk kif jidher mill-istess decide, ir-rikorrenti gia` għandha mezz u rimedju jekk kemm-il darba l-Awtorita` esponenti tonqos li taderixxi ruħha mas-sentenza in kwistjoni u m`għandux għalfejn jirrikorri għall-mandat in procinto.*

*2. Illi subordinatament għas-suespost, l-Awtorita` esponenti, trid u hija disposta li tottempera ruħha mas-sentenza in kwistjoni.*

*Illi ġew skambjali korrispondenza (kopji annessi Dok. "X") u saru laqgħat mal-Perit nominat mill-Qorti u dan sabiex jiġi stabbilit preciz ix-xogħolijiet li kellhom jiġu esegwiti u biex l-istess Perit jissorvelja l-istess xogħol.*

*Illi konsegwentement għal-laqgħat mal-Perit inkarigat mill-Qorti l-istess Perit kellu (bi ftehim bejn il-partijiet) jistabbilixxi kemm il-metodoloġija u kemm rigward l-għoli tal-ħajt li kellu jinbena. Dan ir-rapport ma wasal qatt. Dwar dan kollu jistgħu jixhdu l-Periti John Demicoli u Julian Borg min- naħa tal-Awtorita` esponenti.*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq esposti t-talba għall-ħruġ ta` mandat in procinto għandha tiġi miċħuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.*

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta` Ġunju 2016 fejn ordnat illi jinstema` l-Perit Mario Cassar li, taħt is-supervizjoni tiegħu, kellu jsir ix-xogħol skont il-parti decizorja tas-sentenza de qua.

Rat il-verbal tat-28 ta` Ġunju 2016 fejn il-Perit Mario Cassar iddikjara li dak li kien għad fadal x`isir skont is-sentenza de qua kien : 1) illi jitneħħa d-debris minn ġol-għalqa permezz ta` gaffa jew *tractor* u tnejn min-nies magħhom - xogħol ta` massimu tlett ijiem ; 2) illi titranga l-livell tal-katusa mit-triq sabiex isservi l-iskop intiz għaliha, u cioe` li tferra l-ilma mit-triq għal ġol-bir billi kif kif kienet fil-prezent ma kenitx qed taqdi dik il-funzjoni - jumejn xogħol kollox u jista` jsir fl-istess waqt meta jkun qed jitneħħa d-debris ; u 3) illi jittella` l-ħajt sitt filati għoli fi Triq Guzeppi Barbara.

Rat in-nota ta` l-20 ta` Settembru 2016 fejn kien iddikjarat : i) illi d-debris minn ġol-għalqa kien qiegħed jitneħħa u x-xogħolijiet kienu għadhom

sejrin ; ii) illi l-livell tal-katusa mat-triq tranga u x-xoghol relattiv sar ; u iii) illi ghar-rigward tal-hajt fi Triq Giuseppi Barbara, dan kien gholi ta` seba` piedi u disa` pulzieri u ghalkemm saru xi xogholijiet, ma kienx tal-istess gholi bhalma kien qabel. Ghar-rigward tal-hajt li kien fi Triq Valletta, kien dikjarat illi ma kienu saru l-ebda xogholijiet sabiex joghla.

Rat il-verbal tal-14 ta` Novembru 2016 fejn kien dikjarat min-naha tal-Awtorita` kif ukoll mill-Perit Cassar illi x-xogholijiet kollha elenkati fil-verbal tat-28 ta` Gunju 2016 saru kollha. Fl-istess udjenza, kien dikjarat mir-rikorrenti illi skont is-sentenzi li skattaw dan il-procediment, kien jonqos xogholijiet x`isiru.

Rat l-ordni li tat fl-14 ta` Novembru 2016 fejn ordnat lill-Perit Cassar sabiex jipprezenta relazzjoni fejn jirrelata dwar il-kostatazzjonijiet.

Rat l-ewwel rapport tal-perit tekniku li kien prezentat fl-24 ta` Novembru 2016 u kkonfermat bil-gurament fis-16 ta` Jannar 2017.

Rat id-dikjarazzjoni li ghamlu r-rikorrenti fis-seduta tal-31 ta` Jannar 2017 fejn inghad illi l-istat *quo ante* tal-propjeta` in kwistjoni tirrizulta minn ritratti li kienu ezebiti fil-kawza bejn il-kontendenti bin-numru 299/10 JA.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn ordnat li jigi allegat il-process tal-kawza bin-numru 299/2010 JA.

Rat illi fl-istess udjenza tat inkariku lill-Perit Mario Cassar sabiex jiehu konjizzjoni tar-ritratti li jinsab fil-process tal-kawza bin-numru 299/10 JA u sabiex iqabbel l-istat ta` fatt illum ma` dak li kien fiz-zmien lamentat ; b`hekk ikun stabbilit jekk is-sentenza kinitx osservata mill-Awtorita`.

Rat it-tieni rapport tal-Perit Cassar li kien prezentat fit-23 ta` Frar 2017 u konfermat bil-gurament fl-udjenza tat-13 ta` Marzu 2017.

Semghet ix-xiehda in eskussjoni tal-perit tekniku fl-udjenza tat-13 ta` Marzu 2017.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm li saru fl-udjenza tal-25 ta` April 2017.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn ir-rikors thalla ghal provvediment ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra.

## II. <u>Sfond</u>

Mill-process tal-kawza bin-numru 299/10 JA fl-ismijiet *Ines Calleja vs Awtorita` ghat-Trasport f`Malta* jirrizulta illi r-rikorrenti kienet ipprezentat kawza ta` spoll kontra l-Awtorita` ntimata fejn ippremetiet illi din dahlet abbuzivament u minghajr il-kunsens taghha go art proprjeta` taghha tal-kejl superficjali ta` circa 4,500 metri kwadri u li tinsab fil-limiti taz-Zurrieq, tikkonfina mill-majjistral ma` Valletta Road, mill-grigal ma` Triq Dun Guzepp Barbara li taghti ghal Hal Kirkop, u mil-lbic ma` proprjeta` ta` terzi. Ippremettiet illi l-Awtorita` intimata dahlet fl-art bl-ingenji u ghamlet hsara kbira fir-raba`.

It-talbiet tar-rikorrenti kienu :-

i. *Tiddikjara li l-Awtorita` intimata kkommettiet spoll fuq proprjeta` fil-pussess tar-rikorrenti ;*

ii. *Tordna lill-Awtorita` intimata sabiex tirripristina l-proprjeta` taghha fl-istat li kienet anterjorment ghall-istess spoll kompriz ir-ripristinazzjoni tal-boundary wall fl-istess daqs u gholi li kien qabel, fi zmien qasir u perentorju li jigi hekk prefiss ; u*

iii. *Fin-nuqqas tawtorizzaha sabiex taghmel dawk ix-xogholijiet necessarji bi spejjez tal-intimati taht dawk il-provvedimenti li din il-Qorti joghgobha timponi.*

L-Awtorita` kkontestat il-kawza fil-mertu.

Il-kawza kienet deciza fl-14 ta` Dicembru 2011.

Il-Qorti cahdet *l-eccezzjonijiet tal-awtorita` konvenuta* laqghet it-*talbiet kollha tal-attrici. Ghall-fini tat-tieni talba* stabbiliet *terminu ta` xahar.* Kien nominat l-*A.I.C Mario Cassar sabiex jissorvelja x-xoghol. L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-awtorita` koncernata.*

L-Awtorita` appellat.

L-aggravji taghha kienu tlieta : (a) nuqqas ta` prova dwar l-element ta` pussess, (b) li l-mertu kien ezawrit peress li l-hwejjeg lmentati mir-rikorrenti kienu diga` twettqu u ( c) li l-attrici kienet infurmata li x-xogholijiet kienu ser isiru.

Fis-sentenza li tat fit-30 ta` Novembru 2012 il-Qortyi tal-Appell qalet hekk :-

> " … *il-Qorti tilqa` in parte l-appell tal-awtorita` appellant u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha safejn laqghet it-talbiet attrici fir-rigward ta` dik il-parti tal-proprjeta` tal-attrici appellate li giet esproprjata mill-Gvern u ordnat ir-ripristinar tal-hajt li jikkonfina ma` Triq Dun Guzepp Barbara ghall-pozizzjoni li kien qabel u tikkonfermaha fil-bqija billi konsegwentement:*
>
> *(1) Tilqa` l-ewwel talba tal-attrici appellata u tiddikjara li l-Awtorita` konvenuta appellanti kkommettiet spoll fuq il-proprjeta` fil-pussess tal-attrici appellata;*
> *(2) Tordna lill-Awtorita` biex fi zmien xahar tirripristina dik il-parti tal-proprjeta` ta` l-attrici appellata mhux milquta bl-esproprjazzjoni fl-istat li kienet anterjorment ghall-ispoll u sabiex tirripristina wkoll il-boundary wall (bejn l-ghalqa u triq Dun Guzepp Barbara) fl-istess daqs u gholi li kien qabel izda, in vista tal-esproprjazzjoni, mhux ukoll fl-istess pozizzjoni li kien qabel;*
> *(3) Tinnomina lill-AIC Mario Cassar sabiex jissorvelja x-xoghol u jassigura li l-affarijiet lamentati mill-attrici fir-rikors guramentat taghha (minbarra l-ispustjar tal-hajt) jigu rimedjati;*

*(4) Fin-nuqqas tawtorizza lill-attrici appellant taghmel dawk ix-xogholijiet necessarji bi spejjez tal-awtorita` konvenuta appellant."*

Wara li nghatat din is-sentenza, il-Perit Mario Cassaripprezenta rapport.

Il-perit tekniku mar fuq il-post fis-6 ta` Novembru 2013, fit-23 ta` Jannar 2014 u fl-1 ta` Settembru 2016.

Il-perit tekniku rrelata illi fid-data tal-ahhar access, is-sitwazzjoni kienet :-

*(i)* *"Illi x-xatba fuq Triq Valletta kienet mibdula u hija ta` kwalita` tajba;*

*(ii)* *Id-drain fuq Triq Valletta kien irrangat;*

*(iii)* *Illi l-hamrija fl-ghalqa ma tnaddfitx kollha kemm hi mid-debris;*

(iv) *Illi l-hajt fuq Triq Kirkop jinsab f` gholi kif indikat fir-ritratt, jigifieri gholi ta` 1.59 metri."*

## III. <u>It-talba tal-lum</u>

Ir-rikorrenti qeghda titlob mill-Qorti l-hrug ta` mandat *in procinctu*.

Qeghda titlob lill-Qorti sabiex taghti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa u opportuni biex b`hekk jigi attwat u ezegwit dak li kien ordnat mill-Qorti fis-sentenza fuq riferita, u dan jekk hemm bzonn billi apparti kull provvediment li l-Qorti jidhrilha opportun, timponi multa gornaljera kontra l-intimata, u pagabbli lir-rikorrenti, sakemm l-intimata ddum inadempjenti.

It-twegiba tal-Awtorita` kienet li (i) r-rikorrenti diga` ghandha mezz u rimedju jekk kemm-il darba hija tonqos li taderixxi ruhha mas-sentenza in kwistjoni u ghalhekk ma kellhiex ir-rikorrenti ghalfejn tirrikorri

ghall-mandat in procintu u (ii) subordinatament illi intimata trid u hija disposta li tottempera ruhha mas-sentenza.

## IV. <u>L-inkariku tal-perit tekniku</u>

Il-perit tekniku kellu l-inkariku illi jaghmel verifiki sabiex jistabilixxi jekk l-intimata kenitx ottemperat ruhha.

In adempiment tal-inkariku, il-perit tekniku rrefera ghall-access li kien sar fl-1 ta` Settembru 2016 meta kien infurmat illi kienu qeghdin isiru x-xogholjiet kif ordnat mill-Qorti tal-Appell.

Huwa jaghmel dawn il-kostatazzjonijiet :-

> *"Illi sad-data tal-ahhar access tal-1 ta` Settembru 2016, is-sitwazzjoni kienet:*
>
> *1) Illi x-xatba fuq Triq Valletta kienet mibdula u hija ta` kwalita` tajba;*
>
> *2) Id-drain fuq Triq Valletta kien irrangat;*
>
> *3) Illi l-hamrija fl-ghalqa ma tnaddfitx kollha kemm hi mid-debris;*
>
> *4) Illi l-hajt fuq Triq Kirkop jinsab f` gholi kif indikat fir-ritratt (1.594m)*
>
> *5) Illi fis-sentenzi relattivi tal-Appell, u senjatament bir-referenzi 299/10 u 299/10 decizi fit-30 ta` Novembru 2010, ma hemmx indikat l-gholi illi ghandhom joghlew, kemm fuq in-naha ta` Triq Guzeppi Barbara, u kemm fuq Triq Valletta.*
>
> *6) Dwar it-tindif tal-ghalqa tal-attrici, waqt is-seduta quddiem din il-Qorti, inghad illi parti biss mill-gebel tnaddaf. Dan l-esponent ma jistax jikkunstatah b` certezza, ghaliex ma kienx infurmat meta sar, jew kellu jsir dan ix-xoghol."*

Sussegwentement il-perit tekniku rega` mar fl-ghalqa li tinsab fil-kantuniera ta` bejn Triq il-Belt Valletta u Triq Dun Guzeppa Barbara u ghamel dawn il-konsiderazzjonijiet :

*Sabiex tigi ezegwita s-sentenza cit ref JA 299/10 ghandhom isiru s-segwenti xogholijiet :*

1) *Il-hajt tas-sejjiegh fuq Triq il-Belt Valletta ghandu joghla minn 0.9 metri ghal 1.37 metri ;*

2) *Il-hajt tas-sejjiegh fuq Dun Guzepp Barbara ghandu joghla minn 1.7 metri ghal 2.1 metri ;*

3) *Illi l-ghalqa ghandha titnaddaf mill-gebel u terga` tigi ripristinata bhala ghalqa agrikola, ` hamrija tajba.*

## V. L-eskussjoni

Fil-kors tal-eskussjoni, il-perit tekniku xehed illi fit-tieni rapport huwa rrakkomanda tlett hwejjeg. Huwa qal li fir-rigward tal-gholi tal-hajt, ir-rakkomandazzjonijiet mhumiex skont id-direttivi tal-ippjanar peress illi l-Awtorita` tal-Ippjanar tawtorizza gholi ta` erba` filati skont policy tal-2015. Ippreciza li l-inkariku tieghu kien li jqabbel il-hitan kif kienu qabel ma` li huma llum. Skont il-*policies* il-hitan tas-sejjieh jew il-hitan ta` ma` l-ghelieqi ghandhom joghlew erba` filati. Qal li l-Awtorita` tal-Ippjanar ma tidholx fil-kwistjoni ta` kif kienu l-hitan qabel.

Stqarr illi hajt minnhom kien qadim hafna, ossija kien mibni qabel l-1992. Qal illi fil-kaz illi jaqa` l-hajt, u jkun irid jerga` jinbena, l-Awtorita` tal-Ippjanar tawtorizza bini sa gholi ta` erba` filati. Jekk taqa` parti biss, dik il-parti tista` tinbena sa l-gholi originali. Fil-kaz tal-lum, il-hajt twaqqa` kollu mill-Awtorita` ntimata sabiex twessa` t-triq.

Spjega li qabel l-ghalqa kellha wicc tajjeb u ghalhekk huwa necessarju li din tigi ripristinata ghal li kienet. Sostna li ghandha mqar tinghata pied hamrija mill-hamra. Fisser illi l-hamrija li kien hemm fl-ghalqa kienet hamrija bhalma kien hemm fil-madwar. Ikkonkluda hekk abbazi tar-ritratti. Il-wicc tal-ghalqa ma baqax l-istess peress illi ghaddew minn fuqha bl-ingenji.

Xehed illi l-ewwel l-ghalqa trid titnaddaf u jitnehha t-terrapien. Jekk l-ghalqa fiha tomna, hemm bzonn tlett trakkijiet hamrija ta` ghaxar metri `il wiehed.

Qal illi bhala xoghol, l-ewwel li jrid huwa illi b`gaffa bis-sikka warajha li tibda taqla` u gaffa ohra tnehhi l-gebel li jinqala`. Imbaghad tingieb il-hamrija u titwitta biex tifforma wicc b`gholi ta` pied jew pied u nofs.

Qal illi hemm kazi fejn l-Awtorita` tal-Ippjanar tawtorizza bini ta` aktar filati petro` tkun trid issirr applikazzjoni ad hoc. Fil-konsiderazzjoni tal-applikazzjoni, l-Awtorita` tal-Ippjanar taghti piz qawwi lid-decizjoni tal-Qorti.

## VI. <u>Il-Mandat *in procinctu*</u>

Il-Mandat *in procinctu* dahal fil-ligi taghna bl-**<u>Att XIV tal-2006</u>** meta sar artikolu gdid fil-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta u cioe` **<u>l-Art 388E</u>**.

Imbaghad bl-**<u>Att VIII tal-2010</u>** id-disposizzjoni ma baqghetx bin-nru **<u>Art 388E</u>** izda saret **<u>Art 388G</u>**.

Id-dicitura baqghet l-istess kemm meta d-disposizzjoni kienet Art 388E kif ukoll kif inhi llum Art 388G.

Taqra hekk :–

*(1) Bla hsara ghal disposizzjonijiet ohra li jinsabu fit-Titolu VII ta` dan il-Kodiċi, il-qorti tista` fuq talba tal-parti, tohroġ dawk l-ordnijiet lir-Reġistratur li hija tqis neċessarji sabiex jiġu eżegwiti l-ordnijiet li hemm fis-sentenza :*

*Iżda dan il-mandat m`ghandux jinhareġ hlief wara rikors mill-kreditur ghal dan il-ghan u wara li l-qorti tkun sodisfatta li l-kreditur ma ghandu ebda mezz ta` eżekuzzjoni iehor.*

*(2) Ir-rikors ghandu jkun fih b`mod ċar ir-raġuni ghaliex hemm bżonn ta` dawn l-ordnijiet u ghandu jiġi dekretat dwar dan wara li jiġi*

*notifikat lid-debitur, li jkollu erbat ijiem żmien sabiex iwieġeb.*

**In-natura tal-Mandat *in procinctu* kienet trattata fil-provvediment li tat il-Qorti tal-Appell fis-26 ta` Gunju 2009 fil-procediment "<u>John Patrick</u> <u>Hayman et vs Edmond Espedito Mugliett et</u>" (Rik. Nru. 284/2009/1).**

Il-Qorti qalet hekk :-

***15.*** *Ghalkemm l-Artikolu 388E gie mizjud fil-Kap. 12 bl-Att XIV tal-2006, kien biss fil-bidu ta` din is-sena li din id-disposizzjoni giet fis-sehh (ara l-A.L. 342/2008). Il-kliem ossia l-espressjoni "in procinctu" tat lok ghal mhux ftit kurzita` fost il-membri tal-professjoni legali. Litteralment l-espressjoni bil-Latin "in procinctu" jidher li tfisser "with loins girded" – mill-kliem pro, quddiem, u cinctus li huwa l-participju passat tal-verb cingere, torbot jew iddawwar – u tirreferi ghall-prassi tar-Rumani li qabel ma jingaggjaw fil-battalja jorbtu sew it-toga jew ilbies iehor li talvolta kienu jkunu lebsin sabiex ma jkollomx xkiel waqt it-taqtigha. Din l-espressjoni giet eventwalment tfisser "preparat ghall-battalja", u tat lok ukoll ghall-espressjoni Taljana "in procinto" li tfisser li wiehed ikun preparat, lest biex jaghmel xi haga (ez. "in procinto di partire"). Fid-Dritt Ruman antik kien hemm dak li jissejjah testamentum in procinctu li kien isir minn dawk li kienu jkunu ltaqghu ghal xi battalja. Dan kollu, pero`, ftit li xejn jitfa` dawl fuq il-mandat li dwaru jitkellem l-Artikolu 388E tal-Kap. 12. Dak li hu zgur hu li b`dan il-mandat gdid il-legislatur ried li jkun hemm mezz, pjuttost straordinarju, li bih persuna li tkun rebhet il-kawza u li allura tkun kreditrici ta` obbligazzjoni tkun tista`, fin-nuqqas li tikseb sodisfazzjon b`mezz ta` ezekuzzjoni iehor, tassigura l-ezekuzzjoni ta` dik is-sentenza billi titlob lill-Qorti sabiex jinghataw dawk l-ordnijiet lir-Registratur li dik il-Qorti tqis necessarji ghall-fini ta` tali ezekuzzjoni. Fil-fatt gie li jigri li ordni li tkun inghatat fil-konfront tal-parti sokkombenti ma tigix imwettqa minn dik il-parti, bir-rizultat li l-kreditur tal-obbligazzjoni jibqa b`sentenza favurih pero` bla rimedju effettiv – kif spiss jigi lmentat f`kazijiet simili, il-kreditur tal-obbligazzjoni jkun jista` biss ipoggi s-sentenza fi gwarnic ! Kif inhu risaput, il-procedura ta` disprezz lejn l-awtorita` tal-qorti skond l-Artikoli 1003A u 997 tal-Kap. 12 tista` twassal ghal forma ta` "kastig" fil-konfront ta` min ikun naqas li jottempera ruhu ma` ordni ta` qorti, izda tali procedura ma twassalx per se ghall-ezekuzzjoni ta` dak l-ordni jew sentenza – apparti d-dewmien necessarjament marbut mal-mod bizantin kif dawn il-proceduri jridu jitmexxew skond il-ligi vigenti. Huwa naturalment inaccettabbli li jkun hemm sentenza li pero` ma tkunx tista` tigi effettivament ezegwita minhabba l-maniggi tad-debitur tal-obbligazzjoni u n-nuqqas ta` mezz effikaci ta` ezekuzzjoni. Kien proprju biex*

*jaghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas li l-legislatur haseb ghall-mandat in procinctu – u forsi jekk wiehed jara dan il-mandat, kif neccessarjament irid wiehed jarah, minn din l-ottika, cioe` bhala rimedju straordinarju, l-espressjoni in procinctu mhix ghal kollox barra minn lokha.*

***16.*** *Id-disposizzjoni in dizamina – l-Artikolu 388E – tipprovdi hekk :*

***"(1) Bla hsara ghal disposizzjonijiet ohra li jinsabu fit-Titolu VII ta` dan il-Kodici, il-qorti tista` fuq talba tal-parti, tohrog dawk l-ordnijiet lir-Registratur li hija tqis necessarji sabiex jigu ezegwiti l-*** **ordnijiet li hemm fis-sentenza :**

***"Izda dan il-mandat m`ghandux jinhareg hlief wara rikors mill-kreditur ghal dan il-ghan u wara li l-qorti tkun sodisfatta li l-kreditur ma ghandu ebda mezz ta` ezekuzzjoni iehor.***

***"(2) Ir-rikors ghandu jkun fih b`mod car ir-raguni ghaliex hemm bzonn ta` dawn l-ordnijiet u ghandu jigi dekretat dwar dan wara li jigi notifikat lid-debitur, li jkollu erbat ijiem zmien sabiex iwiegeb."***

***17.*** *Jigi osservat fl-ewwel lok li l-legislatur ma llimitax it-tip jew in-natura ta` l-ordnijiet li l-Qorti tista` talvolta taghti lir-Registratur. Sakemm l-ordni jkun legali skond il-principji generali tad-dritt u sakemm il-Qorti tkun tal-fehma li tali ordni huwa necessarju sabiex is-sentenza tigi ezegwita, dak l-ordni jista` jinghata lir-Registratur. Il-proviso tas-subartikolu wiehed, izda, jargina xi ftit is-setgha tal-Qorti. Il-Qorti ma tistax tipprocedi ex officio izda biss fuq talba tal-kreditur tal-obbligazzjoni ; u l-Qorti trid ukoll tkun sodisfatta li tali kreditur "ma ghandu ebda mezz ta`ezekuzzjoni iehor". Din l-ahhar espressjoni – "ma ghandu ebda mezz ta` ezekuzzjoni iehor" – tpoggi, kif tajjeb osserva l-abbili difensur tal-appellati, il-mandat in procinctu fuq l-istess livell tal-mandat in factum. Dwar dan ta` l-ahhar, in fatti, is-subartikolu (4) tal-Artikolu 385 jipprovdi hekk : "Il-qorti ghandha biss tohrog il-mandat jekk tkun sodisfatta li l-kreditur ma ghandux mezz iehor ta` ezekuzzjoni". Kemm il-mandat in factum kif ukoll il-mandat in procinctu m`ghandhomx jinhargu leggerment, u l-Qorti ghandha dejjem tkun kawta biex tali mandati ma jinhargux meta effettivament hemm xi mezz iehor ta` ezekuzzjoni, jigifieri xi mandat iehor, li jkun jista` jaghti ezekuzzjoni effettiva ghas-sentenza jew ordni taghha jew, bhal f`dan il-kaz, tal-Qorti ta` l-Appell. Kif tajjeb josservaw l-appellanti, il-mandat in procinctu m`ghandux iservi biex jigu sorvolati jew raggirati mandati ohra li jkunu jaghtu mezz effettiv ta` ezekuzzjoni.*

(ara wkoll : Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri : 12 ta` Mejju 2016 : **Bella Claudia Nicoletta Cassar vs Anthony Cassar** ; Prim`Awla tal-Qorti Civili : 28 ta` Jannar 2016 : **Maria sive Mariella Borg vs Patrick Borg** ; Prim`Awla tal-Qorti Civili : 28 ta` Frar 2017 : **Joseph Degiorgio et vs Edith sive Maria Galea et**)

## VII. Fil-Parlament

Waqt id-dibattitu fil-Parlament dwar it-Tieni Qari ta` l-abbozz, illi wara sar l-Att XIV tal-2006, il-Ministru tal-Gustizzja ta` dak iz-zmien qal hekk dwar il-mandat *in procintu* :-

> *"Dan il-mandat huwa residwali, li jfisser li huwa mandat li permezz tieghu, il-qorti tkun tista` tohrog l-ordnijiet necessarji meta tara li l-mandati l-ohrajn kollha ma jistghux jigu wzati sabiex tigi esegwita l-ordni taghha. Il-bzonn ta` dan il-mandat hareg wara l-esperjenza li rajna fil-qorti, fejn hafna drabi jkollok numru ta` sentenzi li permezz taghhom ma tkunx tista` taghmel uzu mill-mandati tradizzjonali u allura ssib ruhek f`sitwazzjoni ta` impass legali, jigifieri ghandek sentenza favur tieghek minghajr ma tista` ssarrafha."*

Kompla jghid :-

> *" … ghandna diversi kazijiet ta` persuni li nghataw ordni mill-qorti f`sentenza u dik is-sentenza ma jistghux jittrasformawha ghaliex jaqghu bejn mandat in factum di fare u mandat in factum di dare. Ghalhekk qeghdin nghidu li se naghmlu l-mandat residwali sabiex permezz tieghu niehdu hsieb li jkun hemm garanzija li l-kreditur jiehu dak li ghandu jiehu fejn il-mezzi l-ohra ma jirnexxux. Fil-fatt fl-istess artiklu qeghdin niddikjaraw li fejn il-mezzi l-ohra ma jirnexxux, jista` jsir uzu mill-mandat in procintu. Dan ghandu jsir billi jsir rikors apposta, fejn il-qorti tisma` t-talba u mbaghad tiddeciedi x`ordnijiet ghandha tohrog sabiex tesegwixxi s-sentenza taghha."*

Waqt id-dibattitu fl-istadju tal-Kumitat, issemmew dawn l-ezempji :-

*Ezempju A –*

*Kreditur ghandu jaghti Lm100,000. Issir kawza u kontemporanjament Mandat ta` Inibizzjoni kawtelatorju li jigi milqugh. Tinghata sentenza ta` Lm100,000 u l-Mandat ta` Inibizzjoni jispiccalu l-effett tieghu wara t-trapass tal-periodu tal-appell. Il-Kreditur jista jaqbad ibiegh u jiffrustra d-dritt li ghandu d-debitur. Ghalhekk, wiehed jista jitlob il-hrug ta` Mandat in Procintu` sabiex tordna li, sakemm isir il-bejgh in subasta, dik il-propjeta` ma tistax tigi trasferita.*

*Ezempju B –*

*Hemm zewg appartamenti, wiehed fuq l-iehor u l-flat ta` fuq ma jigix uzat. Jkun hemm il-hsarat dehlin mill-flat ta` fuq ghall-flat ta` taht. Il-flat ta` taht jaghmel kawza biex ta` fuq jirranga l-hsara pero` ta` fuq ma jirrangax il-hsara u l-qorti tigi fil-pozizzjoni fejn ma tistax tordna li dan jirranga l-hsara. Min-naha l-ohra ma tistax tordna l-bejgh insubbasta tal-flat ta` fuq, u allura trid tohrog ordnijiet specjali sabiex dak isir.*

Il-Ministru qal hekk fil-Kumitat :

*"ilu jinhass il-bzonn ghal dik il-fula f`qargha, ghal dak il-bniedem li jsib lilu nnifsu fic-cirkostanzi between two stools, between three stools fejn ma jista` jaghmel xejn. Dan huwa l-mandat in procintu."*

## VIII. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

**Abbazi tal-atti nkluz dawk allegati, il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li saret il-prova ta` dak espost mir-rikorrenti fis-sens li l-ordnijiet moghtija ghadhom ma gewx segwiti mill-Awtorita` intimata.**

Infatti hemm ir-relazzjoni tal-perit tekniku Perit Mario Cassar fejn hemm senjalati dawk ix-xogholijiet li ghad fadal isiru, ossija li joghlew il-hitan tas-sejjiegh tal-ghalqa fuq Triq il-Belt Valletta u fuq Dun Guzepp Barbara, kif ukoll li l-ghalqa titnaddaf mill-gebel u terrapien sabiex terga` tigi ripristinata bhala ghalqa agrikola b`hamrija tajba.

**Madanakollu l-Qorti m`ghandhiex prova, u lanqas ma hija konvinta, li r-rikorrenti ghamlet dak kollu legalment possibbli ghaliha, sabiex min-naha taghha tezegwixxi l-ordnijiet tal-Qorti tal-Appell, abbazi tad-decizjoni li din tat dwar it-talbiet li hija stess kienet ressqet bl-azzjoni taghha, qabel ma ntavolat it-talba taghha ghall-hrug ta` mandat *in procinctu.***

Il-Qorti tghid dan ghaliex wara talba **<u>specifika</u>** li kienet ghamlet ir-rikorrenti stess fir-rikors guramentat, kien ordnat illi fin-nuqqas li jsiru x-xogholijiet ta` ripristinar da parti tal-Awtorita` intimata fit-terminu stabbilit mill-Qorti, allura r-rikorrenti kienet awtorizzata taghmel ix-xogholijiet hija stess - spejjez ta` l-Awtorita`.

Il-Qorti hija sprovvista mill-prova tar-rikorrenti li hija ppruvat taghmel ix-xogholijiet hi izda li b`xi mod kienet ostakolata jew prekluza milli taghmilhom.

**Ghalhekk il-Qorti mhijiex konvinta li jekk ma taghtix ordnijiet hi abbazi ta` mandat *in procinctu,* ir-rikorrenti ma hu ser ikollha l-ebda mezz iehor kif tezegwixxi s-sentenza tal-qorti.**

Is-sitwazzjoni kienet tkun differenti li kieku r-rikorrenti ppruvat taghmel dawn ix-xogholijiet hi a spejjez ta` l-awtorita` intimata u spiccat b` xi mod ostakolata milli taghmilhom. Dak kien ikun kaz fejn id-decizjoni li ghandha a favur taghha kontra l-Awtorita` intimata tista` taghmilha *fi gwarnic* u tkun waslet fis-sitwazzjoni li ma ghandha l-ebda mezz iehor ta` ezekuzzjoni. Dan izda mhuwiex il-kaz tenut kont tal-fatti u cirkostanzi tal-kaz odjern.

Waqt it-trattazzjoni finali tar-rikors, ir-rikorrenti ghamel accenn ghal rikorsi ghal disprezz izda li kienu michuda peress li kien rilevat illi kien hemm rimedji ohra. Issemma li sar rikors ghal disprezz fil-Qorti ta` l-Appell,

u l-Qorti ta` l-Appell ma kenitx kompetenti li tippronunzja ruhha billi fid-decizjoni taghha hija kienet ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel qorti. Ir-rikorrenti rrimarkat illi meta sar rikors quddiem l-ewwel qorti, dik il-qorti sostniet li rikors ghal disprezz mhuwiex il-procedura adatta.

Madanakollu, apparti li ma tressqux kopji ta` dawn ir-rikorsi, tali rikorsi ma jissostitwux l-awtorizzazzjoni li diga` kellha r-rikorrenti mill-Qorti stess illi taghmel ix-xogholijiet, spejjez ta` l-Awtorita` intimata.

Ukoll waqt it-trattazzjoni finali tar-rikors, ir-rikorrenti ghamlet l-argument illi l-awtorizzazzjoni li taghmel ix-xogholijiet hi a spejjez ta` l-Awtorita` kienet fakoltattiva. Dak li kien qed jigi dibattut in-nuqqas ta` ubbidjenza ta` l-Awtorita` intimata li baqghet ma ghamiltx ix-xogholijiet kif hekk ordnata. Saret insistenza illi ladarba hemm ordni biex ix-xogholijiet isiru mill-Awtorita` intimata, dawn ghandhom isiru mill-Awtorita`, mhux mir-rikorrenti anke jekk a spejjez tal-Awtorita`.

**Din il-Qorti, filwaqt illi tifhem l-argumenti li ghamlet ir-rikorrenti, hija tal-fehma illi sabiex tintlaqa` talba ghall-hrug ta` mandat *in procintu* huwa necessarju illi jkun hemm ordni rizultanti minn sentenza ta` qorti li tkun ghaddiet in gudikat, illi sabiex tkun ezegwita dik l-ordni ma jkunx hemm mezz iehor ta` ezekuzzjoni, u illi jkun hemm raguni valida ghala r-rikorrent ikun qieghed jitlob il-hrug tal-mandat. Il-mandat *in procintu* huwa mandat ezekuttiv straordinarju ntiz sabiex jintuza biss fic-cirkostanzi fejn il-kreditur ma ghandu l-ebda zbokk iehor biex jezegwixxi sentenza u fejn il-bibien l-ohra jkunu maghluqa ghalih. Fil-kaz tal-lum, il-Qorti tghid illi ladarba bis-sentenza in kwistjoni, inghatat ordni fejn fin-nuqqas da parti tal-Awtorita` ntimata li tezegwixxi xogholijiet taht is-supervizjoni tal-perit tekniku nominat, ir-rikorrenti kienet awtorizzata taghmel dawk ix-xogholijiet hi a spejjez ta` l-awtorita` intimata, u ladarba rrizulta li r-rikorrenti baqghet ma ghamlitx dawk ix-xogholijiet, allura r-rikorrenti ma tistax tirrikorri ghall-hrug ta` mandat *in procinctu,* billi r-rikorrenti ma kenitx sprovvista minn mezz iehor ta` ezekuzzjoni tas-sentenza.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad it-talba tar-rikorrenti kif dedotta ghall-hrug ta` mandat *in procinctu* kontra l-Awtorita` ntimata, spejjez ghar-rikorrenti.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**